MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 272/2003

**Vodafone Malta Limited**
**vs**
**Paul Zammit**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm154.77 (mija u erba u hamsin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99430689.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat mal-avviz u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata seduta stante.

Jiddiedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut biex ihallas l-ammont ta’ Lm154.77 (mija u erba u hamsin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu). Bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

--------------------------------TMIEM--------------------------------